# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 516/2015/VG**

**FGL Entertainment Limited [C-41655]**

**Vs**

**Joseph Pace [ID 0013889M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-2 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett mija hamsa u tmenin euro u tlett centezmi ta' euro [€385.03c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Illi l-intimat akkwista merkanizja minghand is-socjeta attrici, liema merkanzija giet ikkonsenjata lilu;
>
> 2. Illi l-intimat naqas milli jhallas il-bilanc ta' tlett mija, hamsa u tmenin Ewro u tlett centezmi (€385.03) dovut minnu ghall-prezz tal-merkanizja lilu mibjugha u kkonsenjata (vide Dok. A);

> 3. Illi nonostante l-fatt li l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas, inkluz permezz ta' ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 1942/14 (vide Dok B), hu baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
>
> Ghaldaqstant, is-socjeta attrici qieghda titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna u jordna lill-intimat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija, hamsa u tmenin Ewro u tlett centezmi (€385.03) oltr l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.
>
> Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 1942/14 (vide Dok. C), kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fl-20 ta' Ottubru, 2015 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti llum stess u li permezz taghha, l-ammont reklamat gie ridott ghal mitejn hamsa u ghoxrin euro (€225) "*stante li l-intimat ghamel diversi pagamenti lis-socjeta attrici f'dawn l-ahhar gimghat bl-ghan li jhallas dak li huwa dovut in parte*".

Semgha x-xhieda ta' l-Avukat Steffi Vella Laurenti li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Steffi Vella Laurenti ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' mitejn hamsa u ghoxrin euro [€225] in konnessjoni ma' merkanzija giet ikkonsenjata lil u accettata mill-intimat.

Ikkunsidra;

2. L-Avukat Dottor Steffi Vella Laurenti kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont hekk kif ridott ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici*

> *ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fl-20 ta' Ottubru, 2015 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont hekk kif ridott mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif ridotta fin-nota taghha minnha pprezentata llum u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin euro [€225] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data minn meta kull ammont kien dovut sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 1942/14, huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**

**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**